



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13665/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 58
AGRI 548
PECHE 403

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
17 ta' Ottubru 2022

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3. Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 applikabbli fil-Baħar Baltiku 3
4. Laqgħa annwali tal-ICCAT (14-21 ta' Novembru 2022)..... 3

AGRIKOLTURA

5. Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna..... 3
6. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerç 4

Affarijiet oħra

7. d) Għalf organiku tal-proteini mill-Ukrajna 4

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 5

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 applikabbli fil-Baħar Baltiku** (*) 13353/22
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE) 11877/22 + ADD 1
Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku.

Minħabba l-ħtieġa ta' adozzjoni f'waqtha, il-Kunsill qabel li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

4. **Laqgħa annwali tal-ICCAT (14-21 ta' Novembru 2022)** 12238/22
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet politiċi għal-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2022 li ser issir mill-14 sal-21 ta' Novembru 2022.

AGRIKOLTURA

5. **Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna** 13176/2/22 REV 2
Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri 13467/22
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fis-swieq agrikoli ewlenin, kif ukoll tal-kummenti u t-talbiet tad-delegazzjonijiet u tat-tweġibiet tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja dwar l-għalf organiku tal-proteini mill-Ukrajna u tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

6. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerè

13077/22

*Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni, tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

Il-Presidenza ser tkompli tistieden regolarment lill-Kummissjoni biex taġġorna lill-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' kummerè agrikolu internazzjonali.

Affarijiet oħra

7. d) Għalf organiku tal-proteini mill-Ukrajna

13506/22

Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana

Il-punt 7(d) ġie indirizzat flimkien mal-punt 5.

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 13310/22

Dwar il-punt "A"
nru 9:

Aċċess pubbliku għad-dokumenti
Applikazzjoni konfermatorja Nru 16/c/01/22
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"In-Netherlands ma jistgħux jaqblu mar-raġunament fl-abbozz ta' tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 16/c/01/22 li l-iżvelar sħiħ tad-dokumenti WK 11161/2020 u WK 12094/2020 u l-iżvelar sħiħ jew għall-inqas żvelar parzjali ta' WK 6361/2021 jimmina (serjament) il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru u l-proċess ta' teħid tad-deċizzjonijiet tal-Kunsill. Meta titqies l-interpretazzjoni restrittiva ta' dawn l-eċċezzjonijiet mill-Qorti, in-Netherlands jemmnu li mhuwiex motivat biżżejjed kif dawn l-interessi jiddgħajfu, u kif dan ir-riskju huwa raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku (fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'mod partikolari l-kawża C-350/12 P, il-Kunsill/in 't Veld u l-kawżi konġunti C-39/05 P u C-52/05, ir-Renju tal-Iżvezja u Turco/il-Kunsill).

Barra minn hekk, in-Netherlands jinnotaw li l-kontribut Netherlandiż għal WK 4706/2021 bħalissa ġiet redatta, minkejja li n-Netherlands ma għandhom l-ebda oġġezzjoni għall-iżvelar tal-input.

Rigward id-dokumenti l-oħra mitluba fl-applikazzjoni konfermatorja, in-Netherlands jaqblu mal-valutazzjoni li saret mis-Segretarjat Ġenerali."

Dwar il-punt "A"
nru 12:

Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit bil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċizzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Kummissjoni, u b'hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 2 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim hija att ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."